# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 38/02**

**Numru 50**

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Anthony M Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Awtorita' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf hames mija u sebgha u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1,597.50) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-Dokument anness mal-avviz markat A.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzoni.

Wara li rat id-dokument anness a fol 2 tal-atti kif ukoll in-nota a fol 10 tal-atti u li biha l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm1057.50,0.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Awtorita' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-13 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' Lm1057.50,0 bl-imghax legali mill-10 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur